MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 715/2003

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 826/03 fl-ismijiet :**

**Taormina Holdings Limited**

**vs**

**Biochemicals International Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn is-socjeta` rikorrenti Biochemicals International Limited ippremettiet:

Illi l-kumpanija Taormina Holdings Limited (THI) ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru premess fil-konfront tar-rikorrenti u dan sabiex tikkawtela kreditu li giet dikjarata mill-kumpanija THI fl-ammont ta' Lm68.375 rapprezentanti (kif jinghad fl-isess mandat) rifuzjoni ta' flus mahruga mis-socjeta` sekwestranti favur ta' u a beneficcju tas-socjeta` sekwestrata u fl-ammont ta' Lm10,940 imghaxijiet kalkolati;

Illi l-kumpanija Biochemicals International Limited (BIL) ma ghandhiex taghti dawn il-flejjes lil THI u dan kif ser jigi ppruvat dettaljatament tul is-smigh tal-kawza;

Illi l-kumpanija THI ma pprezentat l-ebda ftehim jew dokument iehor li juri li fil-fatt jezisti d-dejn in kwistjoni. F'dan l-isfond huwa interessanti li wiehed jinnota li fic-citazzjoni minnhom pprezentata (527/03GC) l-atturi ma jezibixxu l-ebda dokument li minnha wiehed jista' jifli sew kif l-istess atturi waslu ghall-pretensjoni taghhom. Mhux hekk biss imma fic-citazzjoni imsemmija l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni tal-bilanc in kwistjoni;

Illi is-sekwestranti ma ghamlitx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi u l-kawza li fil-fatt ghamlet ma tirriflettix it-talba konvenuta fil-mandat;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma kontestati billi ma jirrizultawx la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Illi l-mandat ta' skewestru odjern hu bla ebda bazi, ma hu sorrett minn ebda prova certa u inekwivoku u qed jikkawza pregudizzju kbir u ingust lir-rikorrent;

Illi l-kumpanija sekwestranti ma ghamlet l-ebda talba ghal hlas fit-terminu prevvist mil-ligi;

Ghalhekk, in vista tas-suespost, u filwaqt li s-socjeta rikorrenti rriservat li tressaq provi u li tghamel is-sosttomissjonijiet mehtiega, l-istess socjeta rikorrenti tablet li din il-Qorti joghgobha:

1. Tirrevoka u thassar il-mandat ta’ skewestru fl-ismijiet u bin-numru premessi a tenur tal-artikolu 836(1)(a)(b)(c) u (f) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-sekwestrant ihallas penali ta’ mhux anqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef li jmorru ghand ir-rikorrenti stante li ssekwestrant ma ghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi (artikolu 836(8)(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta), u stante li l-mandat ma huwiex gustifikat skond il-ligi (artikolu 836(8)(b) tal-Kap.12);

3. In difett li tilqa l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent, tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug tal-att kawtelatorju sabiex taghti, fit-terminu qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tipprefigi, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista tigi mposta u ta’ danni u mghax u fin-nuqqas li tinghata garanzija fit-terminu ordnat tnehhi l-mandat premess;

Bl-ispejjez u b’riserva ghal kull azjzoni spettanti lir-rikorrent ghad-danni naxxenti mill-mandat premess;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata Taormina Holdings Ltd fejn gie sottomess :

1. Illi l-ewwelnett mhuwiex minnu li s-socjeta` esponenti “ma pprezentat l-ebda ftehim jew dokument iehor li juri li fil-fatt jezisti d-dejn in kwistjoni”. Huwa minnu li qatt ma saret kostituzzjoni ta’ debitu bejn il-partijiet u li l-ftehim kien wiehed verbali, imma giet esibita dokumentazzjoni li turi li s-socjeta` esponenti hallset id-dejn tas-socejta` rikorrenti biex b’hekk saret hi kreditrici tas-socjeta` rikorrenti. Apparti minn hekk, hemm nurmu ta’ xhieda, ilkoll indikati fil-lista tax-xhieda attrici, inkluzi l-bank manager u l-awdituri tal-partijiet, illi kienu xhieda li

dan sar bi ftehim, u li kienu xhieda wkoll tal-mod kif id-dejn gie rikonoxxut mis-Sur Victor Zammit ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti u ratizzat f'pagamenti mensili;

2. Illi jekk dina l-Onorabbli Qorti thoss illi ghandha ssir il-prova tal-kreditu fl-ambitu ta' dawn il-proceduri, l-aktar xhud indikat ghal dan ikun il-bank manager tal-partijiet, is-Sur Mario Pullicino tal-Bank of Valletta plc. Madankollu, jigi sottomess illi l-gurament mehud mid-diretturi tas-socjeta` esponenti fuq id-dikjarazzjoni tal-fatti attrici flimkien mad-dokumenti prodotti huma prova prima facie bizzejjed, u li mhuwiex kompitu ta' dina l-Onorabbli Qorti li tezamina u tidhol fil-mertu tal-kaz iktar fil-fond minn hekk;

3. Illi l-esponenti sincerament ma jistghux jifhmu ghaliex gie allegat illi l-kawza dwar il-pretensjonijiet tas-socjeta` sekwestranti ma saritx entro t-terminu preskritt mil-ligi. It-terminu preskritt huwa ta' ghaxart ijiem tax-xoghol minn meta jsir il-mandat; jirrizulta li l-mandat gie ntavolat fid-29 ta' Mejju 2003, mentri l-kawza giet intavolata fid-9 ta' Gunju u cioe` wara erbat ijiem tax-xoghol. Lanqas ma jirrizulta illi s-socjeta` esponenti jew l-avukat taghha rcevew xi avviz illi il-mandat gie ezegwit;

4. Illi lanqas ma huwa minnu li ma sarux interpellazzjonijiet ghll-hlas. Tali interpellazzjonijiet saru diversi drabi bil-miktub, kif ukoll saru verbalment qabel ma gie ntavolat il-mandat; jigi rilevat hawnhekk illi l-ligi ma ttipreskrivix li l-interpellazzjoni trid issir permezz ta' ittra ufficjali jew fil-forma skritta, u ghalhekk sia l-ittri bonarji li saru u sia l-interpellazzjonijiet verbali li saru huma sufficjenti ghall-finijiet tal-vot tal-ligi. Apparti minn hekk, il-fatt jekk tkun saret tali interprellazjoni ma jimpingix fuq il-validita` tal-hrug tal-mandat, izda huwa biss fatt li ghandu jittiehed in konsiderazjzoni fl-imposizzjoni ta' penali jekk jirrizultaw ragunijiet ghalfejn tali penali ghandha tigi mposta; f'kull kaz, is-sitwazjzoni finanzjarja tas-socjeta` rikorrenti holqot l-urgenza msemmija fl-istess artikolu 836(7)(b);

5. Illi rigward it-talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija jigi sottommess illi jrid jirrizulta sia li qed jigi arrekat

pregudizzju, u sia li hemm kawza gusta ghall-imposizzjoni ta’ tali garanzija l-informazzjoni li ghandha s-socejta` esponenti hija li s-socjeta` rikorrenti hija f’diffikultajiet finanzjarji serji; b’mod illi ma kienx hemm mezz iehor sabiex il-jeddijiet taghha jigu salvagwardati; madankollu, jekk is-socjeta` rikorrenti lesta tipprovdi garanziji alternattivi sodisfacenti, is-socjeta` esponenti lesta li tikkunsidra li tiritra l-mandat minnha propost. Fin-nuqqas ta’ dan, jigi sottomess ili s-socjeta` esponenti ghandha d-dritt li tissalvagwardja d-drittijiet taghha bil-mezzi li tipprovdi l-ligi, u li qui suo jure utet non videtur damnum facere. Anzi jinghad illi sa issa s-socjeta` esponenti zammet lura milli, permezz ta’ mandat ta’ qbid kawtelatorju, taqbad u televa il-makkinarju u l-istocks tal-fakkrika tas-socjeta` rikorrenti, proprju sabiex tevita li taghmel hsara irreparabbli lis-socjeta` rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Settembru 2003;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors promotur is-socjeta` rikorrenti Biochemicals International Limited tghamel referenza ghal mandat ta sekwestru kawtelatorju numru 826/03, li gie ottjenut kontra taghha mis-socjeta intimata Taormina Holdings Limited;

Jirrizulta li permezz tal-imsemmi att kawtelatorju s-socjeta intimata riedet tikkawtela allegat kreditu ta’ tmienja u sittin elf mija hamsa u sebghin lira maltin (Lm68375) oltre l-imghax relattiv kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) ammontanti ghas-somma ta’ ghaxar t’elef disa mija u erbghin (Lm10940) ghal periodu mill-1 ta’ April 2001 sal-31 ta’ Marzu 2003. Din is-somma tirrappresenta ‘rifuzjoni ta’ flus mahruga mis-socjeta sekwestranti fl-akkwist ta’ ishma favur ta’ u a beneficju tas-socjeta sekwestrata.’ (Vide kopja tal-mandat – fol,9);

L-imsemmija socjeta rikorrenti tghamel referenza ghall-provedimenti tal-artikolu 836(1)(a)(b)(c) u (f) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u ai termini ta’ dawn il-

provedimenti qed titlob li l-imsemmi att kawtelatorju jigi revokat u mhassar. Is-socjeta rikorrenti qed titlob ukoll li s-socjeta intimata tigi kundannata thallas il-penali prevista fl-artikolu 836(8) tal-istess Kodici stante li l-istess socjeta intimata ma ghamlitx il-kawza dwar it-talba kontenuta fl-att kawtelatorju fiz-zmien li trid il-ligi u stante li l-mandat mhux gustifikat skond il-ligi. Inoltre s-socjeta rikrrenti qed titlob li, f’kaz li l-imsemmija talbiet ma jigux akkolti, jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-Kap.12 u b’hekk jigi ordnat lill-intimati sabiex jghatu garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista tigi eventwalment imposta u ghall-hlas ta’ danni u mghax;

L-artikolu 836(1)(a)(b)(c) u (f) jipprovdi li s-socjeta rikorrenti li ssubiet l-imsemmi att kawtelatorju tista titlob li dan l-istess att jigi revokat in parte jew in toto jekk jirrizulta li l-istess att m’ghadux aktar fis-sehh, li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-istess att m’ghadiex tesisti, li jkun hemm garanzija ohra xierqa li tista tissodisfa l-pretensjoni tas-socjeta intimata kif kontenuta fl-att kawtelatorju in kwestjoni jew jekk jintwera li mhux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-istess att kawtelatorju jew li l-istess att mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli;

L-ebda minn dawn l-estremi li trid il-ligi ma jirrizultaw ippruvati. Ghalhekk it-talba ghar-revoka tal-att kawtelatroju zgur li ma tistax tigi akkolta. Jigi rilevat li jekk is-socjeta rikorrenti ghandiex tghati l-ammonti pretiz hi kwestjoni li tappartjeni lill-meritu tal-pendenzi li hemm bejn il-partijiet u ghalhekk tali kwestjoni m’ghandiex zgur tigi deciza f’dawn il-proceduri;

Fil-hrug ta’ atti kawtelatorji ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista jkun bizzejjed li minn qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri

mhux intizi biex iservu ta’ revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jesistux l-estremi li trid il-ligi, skond il-provedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwestjoni hu ta’ pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat;

Is-socjeta rikorrenti ssostni li t-talba li saret fic-citazzjoni li segwit l-att kawtelatorju in kwestjoni ma tikkorispondix mal-pretensjoni kif kontenuta fit-talba ghal hrug tal-istess att. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti isostni li ma saritx il-kawza dwar it-talba kif kontenuti fl-att kawtelatorju fiz-zmien stabbilit bil-ligi. Kif gia gie rilevat fir-rikors kontenenti t-talba ghal-hrug tal-mandat kien gie dikjarat li s-somma indikata kienet tirrappresenta “rifuzjoni ta’ flus mahruga mis-socjeta sekwestranti fl-akkwist ta’ ishma favur ta’ u a beneficju tas-socjeta sekwestrata.” Fic-citazzjoni li segwit il-hrug tal-mandat hemm fil-premessi referenza ghall-akkwist ta’ ishma da parti tas-socjeta rikorrenti u hemm ukoll referenza li s-socjeta intimata kienet hallset a bensficcju tas-socjeta rikorrenti l-korrispettiv ghall-dawn l-ishma. F’din ic-citazzjoni t-talba hi sabiex tigi likwidata s-somma li ghad ghada dovuta mis-socjeta rikorrenti ghar-rigward ta’ dawn il-felejjes li harget is-socjeta intimata a favur tas-socjeta rikorrenti. Jidher li z-zewg istanzi jirreferu ghall-istess fatti u ghall-istess pretensjoni tas-socjeta intimate kontra s-socjeta rikorrrenti. Hu minnu li fil-mandat hemm referenza ghal somma specifika filwaqt li fic-citazzjoni it-talba tirreferi ghall-ammont li ghad irid jigi likwidat, pero’ ma hemmx dubju li l-pretensjoni hi l-istess wahda. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-att kawtelaotju ma giex segwit b’citazzjoni fit-terminu li trid il-ligi. In vista tal-premess u in vista tal-fatt li ma jirrizultawx l-estremi li trid il-ligi skond l-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 ma tistax tigi akkolta t-talba ghal hlas tal-penali;

Lanqas ma tirrizulta kawza gusta sabiex jigi ordnat lis-socjeta intimata sabiex tghamel garanzija xierqa skond kif hu provdut fl-artikolu 838A tal-istess Kapitolu 12;

Fid-dawl ta’ dan kollu t-talbiet rikorrenti ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kollha kontra s-socjeta rikorrenti Biochemicals International Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------